MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-13 ta' April, 2011

Avviz Numru. 195/2010

**Miller Distributors Limited (C-344)**

**Vs**

**Stephen Borg (ID 114968M) f'ismu propju kif ukoll bhala ezercitanti l-kummerc taht l-isem 'Attard Angels Stationery'**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut fil-kwalita tieghu premessa jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici l-ammont ta' erbat elef erba' mija u erbgha u tmenin ewro u disgha u erbghin ewro centezmu (€4,484,49), rapprezentanti prezz ta' merkanzija lill-konvenut mibjugha u debitament ikkonsenjata mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut noe stess.

Bl-ispejjez, inkluz tal-avviz u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-hrug tal-*invoices* relattivi, sad-data ta' l-effettiv pagament. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li avolja gie debitament notifikat skond il-ligi l-konvenut naqas milli jidher quddiem il-Qorti sabiex jikkontesta t-talba attrici u ma ppresenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' April 2011 (fol 20 tal-atti) wara li l-istess konvenut naqas milli jidher quddiem il-Qorti u ghalhekk gie presentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-istess konvenut (fol 21 ibid).

Rat illi fis-seduta tallum stess il-konvenut naqas milli jidher ghal darba ohra u ghalhekk l-istess konvenut irrenda ruhu kontumaci.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut dejjem fl-istess kwalita sabiex jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' €4,484.49 bl-imghax legali mis-27 ta' Mejju 2010 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------